MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1322/2003

**Joseph Pullicino fil-kwalita tieghu t'amminstratur tal-kondominju tal-Caledonia Tower**

**Vs**

**Imnaria Ventures Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju 2003 fejn l-attur nominee jitlob sabiex, is-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' LM132.09 (mija, tnejn u tletin Lira Maltin u disgha Centezmi) bhala spejjez amministrattivi u extra-gudizzjarji.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-attur nominee jitlob il-hlas tas-somma ta' mija tnejn u tletin Liri Maltin u disgha Centezmi (LM132.09) liema soma tirraprezenta spejjez amministrattivi u extra-

gudizjarji inkorsi in konnessjoni mad-diversi tentattivi ta' gbir tal-"maintenance fees" dovuti mis-socjeta konvenuta lill-attur nominee, liema spejjez l-istess socjeta' konvenuta accettat li thallas in forza ta' dikjarazzjoni iffirmata minn Joseph Abela ghan-nom ta' l-istess socjeta' konvenuta li ggib id-data tal-31 t'Ottubru 1996, fejn l-istess socjeta' konvenuta intrabtet li f'kaz ta' "… *failure on my/our part to settle the said maintenance fee in whole or in part on the due date and after having received a reminder in writing from the co-ordinator to settle the same, may result in legal action being taken against me/us for the recovery of the fees due with interest and costs to be borne by the undersigned"* (Ara document ittra "A").

L-attur nomine jitlob ukoll il-hlas ta' l-ispejjez maghmula minnu in konnessjoni mal-proceduri odjerni flimkien ma' l-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta fejn inghad li:-

L-ammont mitlub m'huwiex dovut stante li thallas.

Ra l-verbal datat 6 ta' Ottubru 2003 fejn giet ordnata l-inversjoni tal-provi.

Ra l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2003.

Sema lill-attur jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadhu dovut.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici, u jikkundannaha thallas is-somma ta' mija tnejn u tletin Lira Maltin (LM132) bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------